MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 299/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**(Spt. Priscilla Caruana)**
**Vs**
**Alfred Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 163267(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gżejjer, nhar it-18 ta’ Mejju, 2011, bħala persuna li żammet jew qablet li żżomm xi annimal u ċioe` kelb, ġiegħel lill-istess isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur tal-Artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kap 49 Dwar il-Ħarsien tal-Annimali.

U akkużat talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm għandu annimal u ċioe’ kelb u ma kienx responsabbli għat-trattament xieraq tiegħu billi sawtu, sparalu u kkaġunalu feriti kif iċċertifika Dr. Trevor Zammit veterinarju

u dan bi ksur tal-artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kap 439 Dwar il-Ħarsien tal-Annimali.

U aktar talli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkawża l-qtil ta’ annimal domestiku jew iddomestikat u dan bi ksur tal-artikolu 13(1) tal-Kap 439 tal-Liġiiet ta’ Malta.

U aktar talli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu għal liema għan ikun u immanifattura arma tan-nar u ċioe’ arma regolari mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, hekk kif elenkat fi skeda 1 u dan bi ksur ta’ l-Art 3 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi żamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu l-arma tan-nar, jew munizzjoni fl-Iskeda II mingħajr ma kellu liċenza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-liġijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi iffabrika arma mingħajr ma kellu liċenza maħruġa mill-Kummisarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 16 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-20 ta’ Ġunju ta’ l-2011 għall-ħabta ta’ d-disgħa u nofs ta’ fil-għaxija u fis-snin ta’ qabel fil-fond 44, “Il-Girna”, Triq l-Imnarja, Birżebbuġa żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-Regolamenti ta’ l-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaggi, u ċioe` Baghdan Ahmar Cicus Aeruginosus u Cewcewwa Tringa Nebularia, kontra id-dispożizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti meta dak l-għasfur ma kienx ġie ddikjarat u registrat ma l-Awtorita Kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003 u mingħajr ma ngħata il-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita` Kompetenti sabiex iżomm dak l-għasfur u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(e) tal- A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti ta' l-'2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u ċioe Bagħdan Ahmar Cicusaeruginosus u Ċewċewwa Tringa Nebularia, meta dak l-għasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taht id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409, KEE dwar l-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor u dan l-għasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur tar- regolament 4(1)(f) ta' A.L 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fl-Iskeda III u ċioe` Baghdan Aħmar Cicusaeruginosus u Ċewcewwa Tringa Nebularia u li ma kinux ġew reġistrati mas-Sezzjoni fiż-żmien stipulat u dan bi ksur ta' regolament 21(5) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi għasfur imsemmi fir-regolametn 4(1)(e) tar-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Serlvaggi, u ċioe` Gallina tal-Baħar Haematopus Ostralegus minghajr m aghamel talba lid-Direttur u mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew id-disponiment mingħand id-Direttur u dan bi ksur tar-regolament 4(2) tal-A.L. 79 ta' l-2006 kif emendat.

U aktar talli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġera wara, ħa jew ipprova jieħu, qabad, qatel jew ipprova joqtol, deliberament iddistruġġa,ipposseda, ittrasporta, xi eżemplari ta' specie elenkati fi Skeda V(a) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-flora, Fawna u Ambjent Naturali, u ċioe Lifgħa Elapha situla meta ma kellux permess maħruġ minn qabel mill-Awtorita` Kompetenti jew mid-Direttur u dan bi skur tar-regolament 25(1) ta' l-AL 311 ta' l-2006 hekk kif emendat permezz ta' l-A.L. 162 ta' l-2009.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Gunju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 8(2) u (3), 13(1) u 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 5(1), 16(1), 51(2)(4) u l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 4(1)(e)(f), 4(2), 21(5), 27(1)(a)(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 u r-regolamenti 25(1)(a), 49(1)(a)(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.73, u l-artikoli 17(f) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perjodu ta' tliet xhur priġunerija, kif ukoll multa ta' għaxart elef Ewro (€10,000).

Il-qorti ordnat is-sospensjoni tal-liċenzji kollha ta' żamma tal-armi u tal-kaċċa u tal-insib tal-appellant għal żmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant Alfred Vella minnu ppreżentat fit-28 ta' Gunju, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija, tvarja l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti u konsegwentement tinfliġġi dik il-piena aktar miti li tkun ekwa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fis-7 ta' Lulju, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat ħati tal-akkużi miġjuba kontrih, ikkundannatu għal piena skont il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71, r-regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.73 u Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta, kif ukoll orndat is-sospensjoni tal-liċenzji kollha ta' żamma ta' l-armi u tal-kaċċa u tal-insib tal-appellat ħati għal żmien sentejn u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu skont l-artikolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok apparti li tinfliġġi multa iktar għolja skont l-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta tinfliġġi piena ta' priġunerija skont l-istess artikolu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Alfred Vella huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi għalkemm l-Ewwel Qorti fid-deliberazzjoni tagħha semmiet l-istqarrija tal-imputat u l-fedina penali, hija naqset li tagħti dak l-import mistħoqq lill-istess dokumentazzjoni liema fatt jirrendi din is-sentenza waħda gravuża b’mod li hija in eċċess tal-piena mistħoqqa tenendo kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz quddiem l-istess Qorti.

2. Illi l-Ewwel Qorti meta semgħet u kkunsidrat it-trattazzjoni dwar il-piena rigwardanti l-arma hija għamlet interpretazzjoni żbaljata tat-tieni proviso tas-subinċiż 2[1] tal-artikolu 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi l-Ewwel Qorti ghalkemm fid-deliberazzjoni taghha tiddikjara li kienet ser tinfliggi l-pieni fil-minimu taghhom, dan ma sarx fir-rigward tal-pussess u manifattura tal-arma, billi ghalkemm hija applikat il-minimu tal-piena, hija l-prassi tal-Qrati taghna li l-piena tassattiva ta’ prigunerija effettiva kellha tigi sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 iżda f’dan il-każ, il-Qorti, għażlet illi tordna li l-appellant ikun ikkundannat piena karċerarja b’mod effettiv.

4. Illi l-Ewwel Qorti ghalkemm iddikjarat li sejra tinfliġġi l-pieni pekunjarji fil-minimum tagħhom, il-konteġġi ma jirriflettux tali dikjarazzjoni.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa limitat għall-quantum tal-piena fejn talab multa aktar għolja u li din il-Qorti tinfliġġi piena ta’ priġunerija skont l-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta’ Malta. Fil-qosor, il-qofol tal-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li, li kieku l-Qorti tal-Maġistrati kellha f’idejha l-Liġi kif dehret fil-

[1] L-appellant ikkwota l-ewwel subinċiż.

Gazzetta tal-Gvern u mhux dik kif dehret miktuba fuq l-internet, il-Qorti tal-Maġistrati kienet tagħti piena a ogħla milli tat. U dan minħabba li kif kienet dehret il-Liġi fuq l-internet wieħed seta' jikkonkludi li piena karċerarja kienet possibbli biss jekk ikun hemm ksur tad-dispożizzjoni tal-artikolu 45(1) it-tieni darba jew drabi oħra.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur

Ikkonsidrat

**L-Eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali mogħtija seduta stante dwar l-Appell tal-Intimat**

Matul it-trattazzjoni l-Avukat Ġenerali ssottometta li l-appell tal-intimat kien null minħabba li l-appellant m'għamilx sommarju tal-fatti.

Il-Qorti nnutat li bħala fatti fil-qosor l-appellant qal li kien

'ammetta għall-akkużi kollha miġjuba kontrih u dan wara li l-Pulizija esebiet diversi dokumenti importanti, in partikolari l-istqarrija tiegħu u l-fedina penali.'

L-appell tal-imputat jinkludi l-akkużi kollha elenkati kontrih. Fil-fehma tal-Qorti d-dettalji li ta l-appellant kienu biżżejjed sabiex jissodisfaw l-artiolu 419(1) tal-Kap 9.

Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' din is-sottomissjoni /aggravju tal-Avukat Ġenerali li sar matul is-seduta.

**Iż-Żewġ Appelli**

**L-Appell tal-Avukat Ġenerali**

Il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel l-appell tal-Avukat Ġenerali. Dan l-appell huwa limitat għal piena. Il-qofol

tal-appell huwa li l-artikolu 45 tal-Kap 439 kif emendat fil-11 ta' April, 2011 (gazzetta tal-gvern 19 t'April, 2011) kien differenti f'dik li hija *lay out* meta deher fuq l-internet.. Dan jgħid hekk:

*'45. (1) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħtu, meta tinsab ħatja:*

*(a) fuq l-ewwel kundanna, teħel multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn teltin elf Euro (€30,000)*

*(b) mat-tieni kundanna jew kundanna sussegwenti, teħel multa ta' mhxu anqas minn erbat elef euro (€4,000) iżda mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000),*

*jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn sena, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.'*

Il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha qalet hekk:

'*Illi fil-maġġjor parti tagħhom l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat iġorru magħhom piena konsistenti f'multa għajr għar-raba' u l-ħames akkuża li jinkwadraw ruħhom fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta'*.

Skont l-Avukat Ġenerali, li kieku l-Qorti tal-Maġistrati kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-Kap 439 bl-emendi kif dehru fil-Gazzetta tal-Gvern minflok kif kienu jidhru fuq l-internet, kieku l-Qorti tal-Maġistrati 'setgħet' tat piena akbar ta' priġunerija milli tat.

Il-Qorti eżaminat l-emenda u minn din jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati xorta setgħet tagħti multa ta' bejn il-500 u t-30,000 Euro ukoll kieku kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-emenda kif għaddiet mill-Parlament. Din il-Qorti ma tistax tispekula dwar x'kienet tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati kieku rat l-emenda kif stampata fil-Gazzetta tal-Gvern u mhux minn fuq l-internet. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet għażlet il-piena ta' priġunerija biss, setgħet għażlet il-piena ta' multa biss, u setgħet għażlet il-piena ta' priġunerija u multa taħt l-artikolu 45 tal-Kap 439.

Mis-sentenza jidher li l-Qorti imponiet piena ta’ priġunerija effettiva bl-applikazzjoni tal-artikolu 51 tal-Kap 480 u b’edba referenza għall-artikolu 45 tal-Kap 439.

Isegwi għalik li għar-reati li kellhom x’jaqsmu mal-Kap 439 il-Qorti tal-Maġistrati applikat il-multa biss hija u tikkundanna lill-imputat għal multa ‘kumplessiva’ ta’ €10,000.

Din il-Qorti qed tuża l-kelma ‘kumplessiva’ għaliex iċ-ċitazzjoni fiha imputazzjonijiet oħrajn li jġorru multi u li għalihom japplika l-artikolu 17(f) tal-Kap 9. Fil-fatt, dan il-każ kellu ħdax-ilimputazzjoni: tlieta minnhom kellhom x’jaqsmu mal-Kap 439; tlieta kontra l-kap 480; erbgħa kontra l-A.L.79 tas-sena 2006; u waħda kontra AL 311 tas-sena 2006 kif emendat bl-A.L.162 tas-sena 2009. U il-Qorti tal-Maġistrati qalet hekk:

*<u>‘il-Qorti, apparti li ser tinfliġġi il-multa għar-reati l-oħra kollha addebitati lill-imputat’</u>*

Għalhekk ma tistax tħares lejn il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati daqslikieku fiċ-ċitazzjoni kien hemm l-ewwel tlitt imputazzjonijiet biss bit-tieni u bit-tielet imputazzjoni assorbiti fl-ewwel waħda għaliex fiċ-ċitazzjoni hemm tmien imputazzjonijiet oħra barra t-tlieta li għandhom x’jaqsmu mal-kap 439.

Il-piena ta’ multa li applikat l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet fil-parametri tal-liġi kif jidher fl-artikolu 45 tal-Kap 439. Il-piena ta’ priġunerija fl-artikolu 45 tal-Kap 439 (skont il-verżjoni tal-Gazzetta tal-Gvern) hija waħda fakoltativa u mhux tassattiva ukoll jekk ikun hemm it-tieni kundanna jew xi kundanna oħra sussegwenti.

Jirriżulta wkoll li l-piena li applikat il-Qorti tal-Maġistrati għall-ewwel tliet imputazzjonijiet mhix waħda fil-minimum tagħha jekk wieħed jagħmel kalkolu matematiku kif jidher aktar ‘l isfel.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fil-quantum tal-piena jekk din tkun fil-parametri tal-liġi u proporzjonata. Legalment, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tikkundanna lill-imputat (appellant) għall-ħlas ta' multa biss.

Għalhekk f'dan il-każ il-Qorti mhix tara raġuni għala għandha tibdel il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. U, kif diġa' ntqal, lanqas ma tista' tispekula dwar x'deċiżjoni kienet tieħu l-Qorti tal-Maġistrati kieku kellha f'idejha l-Att tal-Parlament flok il-kopja mill-internet.

Għaldaqstant qed tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali.

**L-Appell tal-Imputat.**

Fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jissottometti li s-sentenza hija waħda gravuża.

L-imputat appellant jgħid li l-piena hija waħda eċċessiva u jirreferi għall-istqarrija tiegħu għax din tagħti r-retroxena ta' kif seħħew l-affarijiet.

Għalhekk il-Qorti fliet l-istqarrija tal-appellant u qed tislet dawn is-siltiet minnha:

'*Ngħid li l-ewwel ħaffirt toqba taħt siġra fil-ħamrija, irbatt il-kelba minn saqajha u minn ħalqha biex ma tiċċaqlaqx u imbagħad tajtha tir meta hija kienet diġa' fit-toqba u jiena irdamtha u attejtha. Ngħid li jien ħsibtha mejta u għalhekk dfintha u għattejtha biex ma jsibuhiex il-klieb l-oħra u ma jaqilgħuwhiex minn ġol-ħofra.'*

U aktar 'il fuq:

*'Ngħid li l-kunjata kienet ilha ħmistax-il ġurnata tgħidli biex neħodha d-dogs' home.'*

U

*'Jien ma ridtx nispara żewġ tiri biex ma jkun hemm ħadd li jisma' t-tiri u jissuspetta. Imma jien irrid ngħid li għalija l-kelba kienet mejta meta għattejtha bl-injama b'biċċa plywood u b'biċċa zokk fuqha.'*

*'Kont naf li l-kelba kienet xiħa u kellha madwar għaxar snin. Kultant kellha qtugħ tan-nifs ukoll u ddeċidejt li minflok immure biha d-dogs' home biex joqtluha huma noqtolha jien u neħles minnha jien. Jien l-intenzjoni tiegħi kienet li nagħtiha tir wieħed biss u noqtolha u mhux li nidfinha ħajja* <u>*kif ġara kontra r-rieda tiegħi*</u>*. Ngħid li x'ħin tajtha t-tir jein għalija kienet mejta u rbattha minn saqajha u mhux minn ħalqha beix din am tiċċaqlaqlix biex intiha t-tir peress li kelli tir wieħed biss.*

Ikkonsidrat

Li minn dawn il-fatti joħroġ ċar li l-appellant kien intalab li jieħu l-kelba id-dogs' home u kien ilu li ntalab biex jagħmel dan għal ħmistax-il jum. Minflok għamel hekk, deherlu li għandu jagħmel fattih basta ma jmurx biha d-dogs' home, basta ma tinstemax l-isparatura u basta ma jagħti tir wieħed biss.

Iżda l-liġi huwa propju dan li trid tevita kfi jidher mill-artikolu 13(1) tal-Kap 439:

*'Ħlief f'każ ta' emerġenza li viżibilment tfisser tbatija żejda u li tista' twassal għall-mewt, veterinarju biss jew persuna oħġra kompetenti tista' toqtol animal ta' razza domestika…'*

Il-Liġi trid dan b'rispett lejn l-annimali domestiċi li jistgħu jkunu konxji daqsna kif turi s-silta li ġejja:

*'At the same time neurobiologists have been finding that the physical structures in our brains most commonly held responsible for consciousness are not as rare in the animal kingdom as has been assumed. Indeed they are common. All of this work and discovery appeared to reach a kind of crescendo last summer, when an*

*international group of prominent neuroscientists meeting at the University fo Cambridge issued 'The Cambridge Declaration on Consciousness in Non-Human Animals,' a document stating that 'humans are not unique in possessing the nuerological substrates that generate consciousness.' It goes further to conclude that numerous documented animal behaviours must be considered 'consistent with experienced feeling states.'*

Tassew li mhux dejjem l-aqwa mħuħ ħasbuha hekk dwar l-annimali. Għall-filosfu Rene Decartes l-annimali kienu biss automata li jieklu mingħajr gost u jibku bla ms jsofru uġigħ, ma jixtiequ xejn, ma jibżgħu minn xejn u ma jafu xejn.

Imma dawn l-ideat mill-ewwel sabu minn jopponihom mill-ewwel u llum insibu filosfu bħal Thomas Nagel li jikteb artikoli bħal 'What it is like to be a bat?' F'dan l-artikolu jgħid hekk:

*'Animal consciousness occurs, when there is something that it is to **be** that organism – something it is **like** for the organism.*'[2]

Il-Qorti mhix teskludi l-possibilita' li l-appellant ma riedx jaħqar lill-annimal daqskemm effettivament irriżulta minħabba li għamel fattih, imma fiċ-ċirkostanzi ma kien hemm ebda emerġenza li ssemmi l-liġi bħala skużanti, l-appellant kien ilu jintalab jieħu l-kelba d-dogs' home ħmistax-il ġurnata, ħaseb għal rasu biex it-tir ma jinstemax u ma ħaseb xejn għall-kelba. Kulħadd irid iġorr il-konsegwenzi ta' għamilu.

Illum s-soċjeta' qed tħares lejn l-annimali domestiċi bħal esseri li għandhom ikunu protetti mit-twelid sal-mewt għax l-annimal li jgħix fid-dar biex ikun ta' wens lil sidu għandu jkollu mewta dinjituża u bla tbatija bħal kull bniedem.[3]

---

[2] Lapham's Quarterly – One of us – http://www.laphamquarterly.org/essays/one-of-us.php?page=all
[3] 'Though unqueened yet like a queen let me buried.' Henry VIII.

Għalhekk il-Qorti mhix qed tara li kien hemm xi piena ‘eċċessiva’.

**It-tieni u t-tielet aggravju.**

L-appellant jissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet interpretattazzjoni tal-Liġi ħażina tat-tieni proviso tal-artikolu 51 tal-Kap 480 u li l-Qorti ma applikatx il-minimum bħalma qalet li ser tagħmel.

L-ewwelnett għalkemm l-appellant jirreferi għat-tieni proviso, huwa fil-fatt ikkwota is-subiniċiż (2) proviso numru 1.

Dan l-artikolu jgħid hekk:

*‘(2) Kull min jikser l-artikolu 5(1) ikun ħati ta’ reat u jista’, meta jisntab ħati, jeħel priġunerija għal żmine mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn ħames snin:*

*Iżda meta l-kundanna jkollha x’taqsam ma’ pussess ta’ armi regolari jew munizzjon ġewwa xi fond jew il-ksur jitqies bħala wieħed żgħir ħafna mill-Qorti, u wara li jitqies il-kwantita’ jew il-kwalita’ tal-armi tan-nar jew tal-munizzjon il-Qorti tkun sodisfatta li dawn ma kinux qegħdin jinżammu għall-bejgħ jew għal xi xorta ta’ negozju ieħor jew* ***inkella biex isir użu minnhom kontra l-liġi****, il-ħati jista’ jeħel multa ta’ mhux anqas minn €698.81 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa u l-priġunerija flimkien;’*

Min-naħa l-artikolu 5(1) jiddisponi kif ġej:

*‘5(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan l-Att, ħadd ma għandu*
*Jżomm f’xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjo elenkati fl-Iskeda 11 mingħajr ma jkollu liċenza taħt dan l-Att.’*

Il-Qorti tal-Maġistrati qalet hekk fis-sentenza tagħha:

*'L-għan għall-manifattura tagħha kien ċertament sabiex l-imputat jagħmel użu ħażin minnha għaliex altrimenti seta' faċilment juża s-seba' armi tan-nar li għandu lliċenzjati f'ismu.'*

Dwar dan il-kumment l-appellant qal hekk:

*'L-appellant issottometta li jekk il-Qorti tqis il-kwantita' (waħda) u l-kwalita' (arma ta' kalibru żgħir) u mhix intiża biex tinżamm għall-bejgħ (traffikar) jew biex isir użu minnha kontra l-liġi (f'xi delitt kontra l-bniedem jew il-propjeta'*)'[4]

Fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 51 tal-Kap 480 jorbot mal-artikolu 5 li jagħmel il-pussess ta' arma bħala suġġett għal-liċenza. [5] Għalhekk l-għan ta' dawn iż-żewġ artikoli huwa **primarjament** li jrażżan l-pussess ta' armi bla liċenzja.

Filwaqt li l-appellant għandu raġun fis-sottomissjoni tiegħu dwar il-kwantita' u l-kwalita', m'għandux raġun f'dik il-parti fejn jgħid li l-arma ma kenitx intiża biex tintuża kontra l-liġi. Għall-appellant, jeżistu biss delitti fuq il-persuna jew kontra l-propjeta' iżda l-użu li sar mill-arma kien kontra l-liġi għaliex intużat meta, skont il-liġi, ma kellhiex tintuża. Il-Kap 439 jiddisponi espressament li l-qtil ta' annimali domestiċi jrid isir minn veterinarju għajr f'każ ta' emerġenza. Minflok, l-appellant uża arma li ħoloq hu flok mexa mal-liġi u ħa l-kelba għand veterinarju.

Dwar il-quantum tal-piena li imponiet il-Qorti tal-Maġistrati b'konnessjoni ma' din l-imputazzjoni, il-Qorti dehrilha li ma kellhiex tikkundanna lill-appellant biex iħallas multa imma kkundannatu tliet xhur priġunerija – liema żmien huwa l-massimu indikat fil-proviso għal dik li hija priġunerija iżda l-istess żmien ta' tliet xhur jidher bħala l-minimum fil-parti

[4] Ara r-rikors tal-appell a fol 11.
[5] L-artikolu 3(b) jikkontrolla l-manifattura ta' xi waħda mill-armi regolari elenkati fl-iskeda.

ta' qabel jibda l-proviso. Kien għal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti liema piena timoni.

Għalhekk il-Qorti mhix qed tilqa' dawn iż-żewġ aggravji, għalkemm ser tipprovdi dwar il-piena fl-aħħar tas-sentenza ġaladarba l-għan ewlieni ta' l-artikoli 5 u 51 tal-Kap 480 huwa, kif diġa' ntqal aktar 'il fuq, primarjament il-pussess ta' liċenzja.

**Ir-raba' aggravju. Dwar il-piena tal-multa.**

L-appellant jissottometti bħala r-raba' aggravju li l-konteġġi ma jirriflettux il-minimum kif qalet li ser tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati.

Il-Qorti qieset dawn id-dettalji dwar l-ammont tal-multa:

(a) L-ewwel tliet imputazzjonijiet: (bl-assorbiment) Skont il-Kap 439 **€500 – €30,000**

Skont il-Kap 480 fejn jirrigwarda t-tliet imputazzjonijiet li ġejjin;

(b) Ir-raba' imputazzjoni : artikolu 3 Artikolu 51(1) 3 xhur sa għaxar snin priġunerija

fil-proviso: multa ta' €698.81 – jew massimu ta' tliet xhur priġunerija jew it-tnejn.

(ċ) Il-ħames imputazzjoni : artikolu 5 3 xhur sa ħames snin priġunerija
Proviso : 698.81 – jew massimu ta' tliet xhur priġunerija jew it-tnejn.

(d) Is-sitt imputazzjoni: artikolu 16 €1164.69 (kollha-m'hemmx minimu) jew tliet xhur priġunerija jew it-tnejn.

Skont l-Avviż Legali 79/2006 għall-erba' imputazzjonijiet li ġejjin

(e) Is-seba’ imputazzjoni: 4(1)(e) ; 27(3) €232.94 – €2329.37

(f) It-tmien imputazzjoni €232.94 – €2329.37

(g) Id-disa’ imputazzjoni €232.94 – €2329.37

(h) L-għaxar imputazzjoni €232.94 - €2329.37

Skont l-Avviż Legali 504.73

(i) Il-Ħdax-l-imputazzjoni €465.87 – €2329.37

Għall-fini ta’ konteġġ, il-Qorti qed telimina l-piena marbuta mal-ewwel tliet imputazzjonijiet - li jġorru l-aktar multa għolja – u qed telimina wkoll il-iena marbuta mar-raba’ imputazzjoni. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(f) - l-imputazzjonijiet l-oħrajn **waħidhom** (li fihom m’hemmx assorbiment) iwasslu għal multa li tista’ tkun bejn €1630.76 sa €6172.83.

La l-Qorti tal-Maġistrati kkundannat lill-appellant iħallas multa komplessiva ta’ €10,000, inkluża l-multa intiża għall-ewwel tliet imputazzjonijiet, u (i) żammet il-minimum hija u tapplika l-multi l-oħrajn u (ii) skont, il-Liġi applikat l-artikoli 17(f) tal-Kap 9, dan ifisser li l-multa l-aktar għolja – dik li għandha x’taqsam mal-ewwel tliet imputazzjonijiet – tammonta għal €8369.24. Ma jidhirx li dina l-piena komplessiva hija xi waħda eċċessiva meta tqis li l-parti kbira tagħha hija piena għall-ewwel tliet imputazzjonijiet u liema tliet imputazzjonijiet mis-sentenza jidhru li kienu l-aktar imputazzjonijiet serji fil-konsiderazzjoni tal-piena milll-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti ma tistax tittolera moħqrija ta’ annimal li, b’vista sad-dogs’ home, setgħet tkun evitata. Madanakollu, wara li fliet l-istqarrija sew, ser tagħmel temperament f’din il-piena.

## Konklużjoni

Il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali kif ukoll is-sottomissjoni ta' nullita' li qajjem matul is-seduta.

Il-Qorti qed tiċħad l-aggravji tal-appellant għalkemm ser tagħmel temperament fil-piena għar-raġunijiet li jidhru hawn taħt.

Għalhekk il-Qorti, wara li qieset l-ammissjoni bikrija tal-appellant, il-fedina penali nadifa tiegħu, l-għan tal-leġislatur wara l-artikolu 51 tal-Kap 480 u l-istqarrija tal-appellant, qed tirriforma s-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ġunju, 2011 fl-ismijiet premessi billi waqt li qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u fejn issospendiet il-liċenzji kollha taż-żamma tal-armi u tal-kaċċa u tal-insib għal żmien sentejn – liema sentejn għandhom jibdew jiddekorru mil-lum - u qed tirriformaha fejn ikkundannatu għal tliet xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €10,000 u minflok qed tikkundannah għal tliet xhur priġunerija li, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9, għandhom jibqgħu sospiżi għal sentejn mil-lum u għall-ħlas ta' multa ta' disat elef Ewro. (€9000). Il-Qorti wissiet lill-appellant dwar il-konsegwenzi li jista' jkun hemm jekk huwa jwettaq xi reat ġdid fis-sentejn li ġejjin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------